Verżjoni Elettronika

MALTA

ATT Nru VII tal-2023

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonlai, Kap. 209.

ACT No.VII of 2023

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Malta Membership of the International Monetary Fund Act, Cap. 209.

Verżjoni Elettronika

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

14 ta' Marzu, 2023

ATT Nru VII tal-2023

ATT sabiex jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali, Kap. 209.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Kap. 209.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabbilixxi permezz ta' avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

Verżjoni Elettronika

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "fl-Artikolu 5 tas-Sezzjoni III tal-Ftehim tal-Fond" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fis-Sezzjoni 4 tal-Artikolu III tal-Ftehim tal-Fond"; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu l-kliem "is-Sezzjoni V tal-Ftehim tal-Fond" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Artikolu V tal-Ftehim tal-Fond".

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

3. L-artikolu 7 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 2 sad-9 inklużi tas-Sezzjoni IX tal-Ftehim tal-Fond u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 2(b) tas-Sezzjoni VIII tal-Ftehim tal-Fond għandu jkollhom forza ta' liġi f'Malta, hekk illi ebda ħaġa fl-Artikolu 9 tas-Sezzjoni IX tal-Ftehim tal-Fond" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Id-dispożizzjonijiet tas-Sezzjonijiet 2 sa 9 inklużi tal-Artikolu IX tal-Ftehim tal-Fond u l-ewwel sentenza tas-Sezzjoni 2(b) tal-Artikolu VIII tal-Ftehim tal-Fond għandu jkollhom forza ta' liġi f'Malta, hekk illi l-ebda ħaġa fis-Sezzjoni 9 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tal-Fond"; u

(b) fit-test Ingliż tas-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "Sections 2 and 9" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Sections 2 to 9".

Sostituzzjoni tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

4. L-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Setgħat tal-Ministru.

8. (1) Il-Ministru jista' b'ordni jagħmel dawk id-dispożizzjonijiet li jkunu meħtieġa biex jagħti effett lil kull waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-Fond.

(2) Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, permezz ta' ordni jemenda, iħassar jew jissostitwixxi l-Iskedi ta' dan l-Att.

(3) Kull Skeda magħmula taħt dan l-Att u kull emenda jew revoka tal-istess Skedi jistgħu jsiru bil-lingwa Ingliża biss.".

Sostituzzjoni tal-Iskeda annessa mal-Att prinċipali.

5. L-Iskeda li tinsab annessa mal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

Verżjoni Elettronika

"SKEDA
ARTICLES OF AGREEMENT OF THE
INTERNATIONAL MONETARY FUND

Sors: https://www.imf.org/external/pubs/ft/aa/

Verżjoni emendata, li daħlet fis-seħħ fis-26 ta' Jannar, 2016 permezz tal-modifiki approvati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Fond Monetarju Internazzjonali fir-Riżoluzzjoni Nru 66-2, u adottata fil-15 ta' Diċembru, 2010.*".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 97 tat-8 ta' Marzu, 2023.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati

---

*L-Iskeda "Articles of Agreement of the International Monetary Fund" tinsab fil-verżjoni bl-Ingliż ta' dan l-Att.